MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2013

Numru. 473/2009

**Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Marvic (Mario-Victor) Peregin**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Marvic (Mario-Victor) Peregin ta’ 31 sena, bin Alfred u Concetta Maria nee’ Azzopardi, imwieled nhar il-31 ta’ Lulju 1977 gewwa l-Pieta’ u residenti Juno, Door B, Triq Juno, Pembroke u detentur tal-karta tal-identita’ numru 459177 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’dawn il-gzejjer fit-13 ta’ Frar 2009 ghall-habta ta’ bejn l-10.00hrs u l-11.00hrs gewwa Chadwick Lakes limiti ta’ bejn ir-Rabat (Malta) u l-Mosta :

a) B’ nuqqas ta’ hsieb bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila jew arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkaguna il-mewt ta’ Gunner Matthew Psaila, membru tal-Forzi Armati ta’ Malta.

b) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bhala ufficjal pubbliku, fil-kapacita’ tieghu bhala Lance Bumbardier mal-Forzi Armati ta’ Malta, ghamel reat li kellu jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti hija mitluba wkoll li f’kaz ta’ htija titratta lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li l-istess imputat kien gie misjub hati ta’ sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta (Qorti tal-Appell fis-26.01.2001), liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll li f’ kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 27 ta’ Ottubru 2010 (esebita a fol. 398 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 225 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) Fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tas-27 ta’ Mejju 2011, l-imputat iddikjara li m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni, mill-Parti Civili u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw il-mewt tragika ta' Gunner Matthew Psaila, guvni ta' dsatax-il sena u suldat rekluta mal-Forzi Armati ta' Malta wara ncident li sehh waqt ezercizzju ta' B3 Infantry Military training li kien qed isir f'Chadwick Lakes u huma in succint dawn li gejjin. Fit-13 ta' Frar 2009 bejn it-8.00am u d-9.00am beda jsir ezercizzju ta' tahrig mic-C (Special Duties) Company tal-Forzi Armati ta' Malta fic-Chadwick Lakes u f'dan l-ezercizzju hadu parti tlett gruppi ta' suldati rekluti formanti parti mis-C Company maghrufin bhala 1 Section, 2 Section u 3 Section. Kull section kien fiha ghaxar suldati, hlief wahda li kellha disgha, u kien hemm instructor assenjat ghal kull section. Lt. Christian Vella kien in charge mill-ezercizzju u Gunner Matthew Psaila kien jifforma parti mill-1 section li l-instructor taghha kien l-imputat Lance Bumbardier Marvic Peregin.  L-ezercizzju kien jikkonsisti filli s-suldati jimxu section wara l-ohra matul Chadwick Lakes, 'il fuq kontra l-kurrent tal-ilma. Kull wiehed mis-suldati kellu fuqu l-kit li kien jikkonsisti f'elmu, boots, azzarin u webbing u l-piz kollu ta' dan il-kit kien madwar tlettax-il (13) kilo. Kull section kellha log jew zokk tal-injam li kellu wkoll iservi bhala floating aid sabiex is-suldati jzommu mieghu fejn l-ilma ma jkunx ilahqilhom. Gurnata qabel sar recce (reconaissance) mill-imputat u minn Lt. Christian Vella fejn dawn daru l-perkors, giet verifikata t-temperatura tal-ilma u l-fond tal-istess ilma bil-mezzi li kellhom ghad-disposizzjoni taghhom u giet verifikata wkoll it-temperatura tal-arja u tal-bahar li kien ser ikun hemm l-ghada, u cioe' fil-gurnata li fiha kellu jsir l-ezercizzju. Dakinhar stess tal-ezercizzju sar recce iehor mill-instructors fejn dawn daru r-rotta kemm 'il fuq kif ukoll l-isfel.  Qabel ma beda l-ezercizzju sar briefing fejn is-suldati gew moghtija nformazzjoni dwar f'hiex kien ser jikkonsisti l-ezercizzju u kif kien ser jisvolgi, gew infurmati dwar l-ostakoli li kien hemm fil-perkors, dwar is-safety

equipment li kien hemm disponibbli, dwar l-effetti tal-hypothermia u r-rekluti gew mistoqsija jekk kienx hemm xi hadd minnhom li ma jafx jghum jew li kellu diffikulta' fl-ilma. Irrizulta li kien hemm tlett suldati li rrispondew li kellhom diffikultajiet fl-ilma, wiehed fl-ewwel stakkament li kien Gunner Galea, u tnejn ohra fit-tielet stakkament[1] fejn dawn inghataw struzzjonijiet dwar x'kellhom jaghmlu u nghad lilhom li meta jaslu fil-partijiet il-fondi jew jinghataw life rings jew jittelghu fuq l-art jekk jirriskontraw diffikolta'. Gunner Galea nghata struzzjonijiet minn Lance Bombardier Peregin sabiex izomm fuq in-naha ta' wara tal-log sabiex huwa jkollu ghajnejh fuqu l-hin kollu. Gunner Matthew Psaila ma kienx wiehed minn dawk is-suldati li nfurmaw lis-superjuri taghhom li kellhom xi diffikolta' fl-ilma jew li ma kienux jafu jghumu. L-ezercizzju beda billi s-suldati telqu section wara l-ohra minn fejn il-Kappella ta' San Pawl tal-Qlejgha[2], imxew fl-ilma u ghaddew taht il-pont lejn id-diga li fuq in-naha li thares lejn il-kappella hija mtarrga.

Mir-rapport tal-espert tekniku l-Perit Arkitett Robert Musumeci li gie nominat fl-Inkjesta Magisterjali u li acceda fuq il-post immedjatament wara li sehh l-incident li jifforma l-mertu ta' din il-kawza, jirrizulta illi l-incident de quo sehh fl-inhawi maghrufa bhala Ta' Qattura fl-inhawi tal-Mosta, fejn dakinhar tat-tlettax ta' Frar, 2009 Gunner Matthew Psaila sab ruhu f'diffikulta taht l-ilma vicin bokka taht il-pont li jaqsam triq arterjali fejn kien qed jizbokka volum ta' ilma gieri. Il-pont imsemmi jaqsam triq arterjali li tghaqqad r-roundabout li tiehu lejn l-Imgarr jew il-Mosta w ir-roundabout li tiehu lejn ir-Rabat jew l-Imtarfa. Meta thares mid-direzzjoni tal-Mosta lejn il-pont, wiehed jikkonstata zewg bokok li jizbokka l-ilma ma tulhom. Dawn il-bokok jikkonsistu f'arkati ffurmati minn samrotti tal-gebel. L-arkata fuq in-naha tax-xellug (meta thares mid-direzzjoni tal-Mosta) ghandha wisgha ta' cirka 4.5 metri filwaqt li l-arkata fuq il-lemin (meta thares mid-direzzjoni tal-Mosta)

[1] Vide xhieda ta' Gunner Roberto Scerri nserita a fol. 41 et sequitur tal-atti processwali u a fol. 417 et sequitur u a fol. 446 et sequitur li kien wiehed mill-instructors u kien in charge tat-tielet stakkament.

[2] Ara pjanti u rapport tal-espert tekniku il-Perit Robert Musumeci nserit a fol. 252 et sequitur tal-Process Verbal a fol 14 tal-atti processwali.

ghandha wisgha ta' cirka 4 metri. Meta thares lejn il-pont mid-direzzjoni tal-Imtarfa, l-bokok ghandhom profil rettangolari. Il-bokka fuq ix-xellug (meta thares mid-direzzjoni tal-Imtarfa) ghandha wisgha ta' cirka erba' metri filwaqt li l-bokka fuq il-lemin (meta thares mid-direzzjoni tal-Imtarfa) ghandha wisgha ta' cirka 4.5 metri. Skond ma gie rrappurtat mill-Pulizija Ezekuttiva, Gunner Matthew Psaila sab ruhu f'diffikulta waqt li kien vicin l-arkata li tinsab fuq in-naha tal-lemin ta' taht il-pont (meta thares lejn il-pont mid-direzzjoni tal-Mosta). Waqt l-access l-espert Musumeci jghid li kkonstata volum sostanzjali t'ilma gieri li jizbokka minn zewg mini taht il-pont. Il-kejl vertikali bejn il-wicc tal-ilma u l-valley bed ma setghax jigi kkonstatat mill-Perit Musumeci peress li kien ghaddej volum sostanzjali t'ilma izda sussegwentement, dan il-kejl gie stabbilit mill-espert tekniku John Gera fejn il-kejl vertikali mill-wicc tal-ilma sal-valley bed fil-lok fejn allegatament Gunner Matthew Psaila sab ruhu f'diffikulta kien ilahhaq massimu ta' 2.1 metri. Skond l-espert John Gera, t-temperatura tal-ilma dakinhar tal-incident kien ta' tmien (8) gradi Celsius.

Mill-provi rrizulta li meta l-membri tal-1 section waslu fejn id-diga huma telghu it-tarag tal-istess diga igorru z-zokk[3] u x'hin waslu fuq nett tad-diga xehtu z-zokk fl-ilma u nizlu fl-ilma u bdew mexjin fl-ilma u jghumu fejn l-ilma ma kienx ilahqilhom. Huma mxew fid-direzzjoni taz-zewg mini li jigu taht il-pont[4]. Is-suldati bdew imexxu z-zokk maghhom, min iserrah mieghu u min le u Gunner Matthew Psaila kien fuq in-naha ta' wara taz-zokk. Wara li ghaddew mill-ilma u mxew distanza ta' madwar 30 (tletin) metru huma telghu l-art lejn il-lemin taghhom u mxew lejn it-tieni pont u malli waslu hemmhekk dahlu biz-zokk b'kollox taht il-mina tal-lemin. Meta gew lejn nofs il-mina sabu l-ilma kien fond u kien hemm uhud mis-suldati, senjatament Gunner Galea u Gunner Lindsay Borg Magro, li rriskontraw diffikulta' u gew meghjuna johorgu mill-ilma u nghataw il-kura ghall-hypothermia. Huma rriskontraw diffikulta' ghaliex iz-zokk beda jghodos u xi whud mis-suldati bdew

[3] Ara ritratti CP22 sa 25 fir-rapport ta' PS1261 Charles Pace a fol. 462 tal-Process Verbal.
[4] Ara ritratti CP1 sa CP21 fir-rapport ta' PS1261.

jinzlu taht l-ilma u fil-mina kien hemm id-dlam u ghalhekk inqala' l-paniku. Mill-provi rrizulta li f'dan l-istadju Lance Bombardier Marvic Peregin tella' tlieta min-nies minn taht l-ilma u beda jaghmel head count izda l-process ma kienx wiehed facli ghaliex f'dak il-hin waslu hdejn il-mina s-suldati tat-2 Section. Meta sar il-head count gie nnutat li Gunner Matthew Psaila ma kienx jidher u allura bdiet it-tfittxija ghalih fejn nizel fl-ilma anke l-ufficjal li dakinhar kien inkarigat mis-safety il-Gunner Johann Cachia u li kien qieghed bil-Landrover bl-equipment tas-sigurta' isegwi lis-suldati fit-triq tul it-tragitt. Irrizulta li dak il-hin ntefghu life rings fl-ilma u li Matthew Psaila nstab minn Gunner Johann Cachia taht l-ilma fil-mina. Huwa ttella' l-art u gie moghti r-ri-animazzjoni permezz tac-CPR u giet msejha l-ambulanza b'mod immedjat. Meta l-ambulanza ma waslitx mill-ewwel Matthew Psaila tpogga fil-Landrover u telqu bih lejn l-Isptar Mater Dei izda s-suldati ltaqghu mal-ambulanza fejn ir-roundabout li tinsab fil-quccata ta' Triq il-Kostituzzjoni, l-Mosta fejn imbaghad Gunner Psaila gie trasferit ghal gewwa l-ambulanza u kompla jinghata c-CPR mill-istaff mediku. Gunner Psaila ddahhal fl-Isptar Mater Dei fejn wara tlett ijiem fl-ITU sfortunatament miet fis-16 ta' Frar, 2009.

Minn ezami tar-rapport tal-esperti patologisti il-Prof. Marie Therese Camilleri u Dr. Ali Safraz[5] jirrizulta li *"The death of this young male is certified as being due to multiple organ failure and massive pulmonary oedema secondary to drowning".*

Illi l-espert mediku u forensiku Dr. Mario Scerri[6] ukoll nominat fl-Inkjesta Magisterjali kkonkluda s-segwenti:-
"

*1. Illi Matthew Psaila kien membru tal-Forzi Armati ta' Malta;*

*2. Illi nhar it-12 ta' Frar, 2009 gie organizzat ezercizzju militari fejn f'dan l-ezercizzju hadu sehem 29 suldat mic-C*

[5] Rapport inserit a fol. 475 sa 477 tal-Process Verbal.
[6] Rapport inserit a fol.430 sa 460 tal-Process Verbal.

*Company tal-1st Regiment tal-Forzi Armati ta' Malta. Fost dawn kien hemm mara;*

*3. Illi d-dettalji ta' dan l-ezercizzju gew spjegati mill-esperti John Gera u Maurice Calleja.*

*4. Illi rrizulta li t-temperatura tal-arja fejn gie kondott dan l-ezercizzju kienet ta' bejn 6 u 8 ˚C;*

*5. Illi t-temperatura tal-ilma hekk kif imkejla mill-espert Gera kienet ta' 8 ˚C;*

*6. Illi rrizulta illi l-ilma fejn sehh dan l-ezercizzju kien ukoll mahmug, imnigges u mizghud bil-grieden;*

*7. Illi lill-esponent ma rrizultalux illi s-suldati li kienu fuq training inghataw xi lbies protettiv kontra l-kesha tal-ilma u l-kundizzjoni xejn igenika tal-ilma;*

*8. Illi waqt dan l-ezercizzju rrizulta li qam paniku kbir fost il-membri u anke kien hemm xi ghajjat (Gera), nies li kienu jafu jghumu sabu ruhhom f'diffikultajiet u li ftit wara gie osservat illi Matthew Psaila ma kienx f'wicc l-ilma u li dan ittella' madwar 10 minuti wara li kien submerged taht il-wicc tal-ilma;*

*9. Illi ssejjhet ambulanza fuq il-post u peress illi nstab Psaila ma kellux palpable pulse, beda immedjatament ir-resuscitation u dan gie trasferit minghjar telf ta' hin l-Isptar Mater Dei;*

*10. Illi r-rectal temperature meta ddahhal l-Isptar Mater Dei kienet ta' 93.4˚C;*

*11. Illi rrizulta li meta dan iddahhal l-Isptar Mater Dei kompliet ir-resuscitation, wara ftit tal-hin kellu palpable pulse ghal hames minuti izda wara Psaila rega' dahal f'asystole u rega' kien hemm palpable pulse fl-10:45pm u cioe' tlett kwarti wara li dan wasal l-Isptar Mater Dei;*

*12. Illi by definition meta persuna jkollha hypothermia dan ifisser illi t-temperatura tal-gisem kienet ta' 35˚C (95F)*

*jew inqas. Meta waslet l-ghajnuna medika mit-tim tal-ambulanza Psaila gie mgezwer fil-kutri u msahhan u dan baqa' jigi mizmum shun sakemm u anke sa wara li twassal l-Isptar;*

*13. Illi rrizulta li meta dan twassal l-Isptar ttiehdet ir-rectal temperature ta' Psaila li nstabet li kienet ta' 93.4 ˚C. Din kienet it-temperatura tal-gisem wara li Psaila nhareg mill-ambjent kiesah tal-ilma u wara li gie msahhan u wara li bdiet ir-resuscitation. Ghalhekk filfatt it-temperatura ta' Psaila meta dan kien fl-ilma kiesah kienet essenzjalment anqas minn dik ta' 93.4˚C u cioe' minn dik it-temperatura li giet irregistrata meta lil Psaila kien qieghed isirlu r-resuscitation fid-dipartiment tal-emergenza tal-Isptar Mater Dei;*

*14. Illi s-sinjali u s-sintomi ta' hypothermia jinkludu nuqqas ta' funzjoni mentali li twassal ghal nuqqas t'abilita' biex wiehed jiehu certu decizjonijiet, ghajja, letargija, slurred speech, disorjentazzjoni u l-persuna tagixxi qisha persuna fis-sakra, il-gisem gradatament jitlef il-protetcive reflexes li jinkludi treghid (shivering) li huwa mekkanizmu mportanti bhala heat generating defence mechanism, funzjonijiet tal-muskoli ohrajn ukoll jisparixxu bir-rizultat illi l-persuna ma tkunx tista' timxi jew tieqaf dritt. Eventwalment il-persuna tintilef minn sensieha;*

*15. Illi meta persuna tkun suggetta ghal dawn it-tibdil fl-ambjent interjuri tal-gisem u titlef dak li huwa maghruf bhala the maintenance of a constant internal environment, kagun ta' temperatura baxxa esterna, il-persuna teghreq fl-ilma;*

*16. Illi drowning hija defined bhala to suffocate by submersion. Dan huwa process kontinwu li jirrizulta fil-mewt tal-persuna jekk ma jsirx intervent immedjat. Il-process tad-drowning jibda' meta l-persuna ma tkunx tista' tibqa' iktar afloat u l-wicc ma jkunx jista' jibqa' 'l fuq mill-livell tal-wicc tal-ilma. Ir-ragunijiet ghal dan ivarjaw minn inadequate floatation equipment, ghajja, injury u l-aktar importanti hypothermia. Rizultat ta' dan, l-ilma jidhol mill-halq u jkun hemm copius swallowing ta' dan l-ilma u meta*

*l-ilma jkun ilma nfettat u mnigges, il-kondizzjoni taggrava ruhha bl-introduzzjoni ta' mikrobi u materjal iehor li ghandu a direct ittirating effect fuq il-pulmun. Il-hegga li wiehed jiehu n-nifs tonqos u f'madwar 20% tal-persuni u specjalment f'dawk li huma iktar b'sahhithom u inqas ghajjenin ikun hemm protective laryngeal spasm li jippreveni l-ilma milli jidhol fil-pulmun. Dan jissejjah dry drowning u jwassal ghall-paralisi respiratorja u l-persuna tintilef minn sensieha rapidament minhabba anoxia fil-mohh (nuqqas t'ossiginazzjoni);*

*17. Illi min-naha l-ohra, f'dawk il-persuni anqas b'sahhithom u aktar ghajjenin, l-pulmun jibqa' jintela' bl-ilma rizultat t'inhalation u ghalhekk ikollna dak li nsejjhulu wet drowning li huwa iktar perikoluz u l-komplikazzjonijiet li jgib mieghu dan it-tip ta' drowning huma dejjem ta' theddida ghall-hajja;*

*18. Illi meta Psaila ddahhal l-isptar Mater Dei ttiehed chest X-Ray li wera massive inhalation ta' fluwidu u ghalhekk dan li gie spjegat rigward wet drowning japplika perfettament f'dan il-kaz (Ara l-X-ray Ritratt numru 3);*

*19. Illi l-effetti li ggib maghha l-hypothermia kienu prezenti anke f'uhud mill-membri l-ohra illi hadu parti f'dan l-ezercizzju. Kien hemm paniku, nuqqas ta' kordinazzjoni u ghajjat. Izda fil-kaz ta' Matthew Psaila, l-hypothermia li giet induced meta dan sab ruhu f'ambjent t'ilma f'temperatura baxxa minghajr protezzjoni kontra tali temperatura, waslitu ghall-inkordinazzjoni, nuqqas ta' hsieb u nuqqas ta' muscle power li waslu ghas-submerging tal-persuna;*

*20. Illi minghajr dubju l-esponent, wara li ezamina u studja bir-reqqa l-istorja medika u wara li huwa stess osserva t-tip ta' trattament li rceva Psaila meta dan kien l-Isptar Mater Dei jiccertifika u jikkonferma illi da parti tat-tim mediku tal-isptar Mater Dei, it-trattament li nghata lil Psaila kienet wiehed eccellenti u ma jirrizultalux li kien hemm evidenza ta' negligenza ta' traskuragni jew ta' mismanagement;*

*21. Illi apparti minn dan irrizulta wkoll li Psaila ma kienx ghawwiem tajjeb u li meta l-grupp gie mistoqsi jekk kulhadd kienx jaf jghum, wiehed gholla jdejh u Psaila ma gholliex idejh, izda l-esponent ghandu jinnota wkoll li min gholla jdejh biex jindika li ma kienx kapaci jghum irceva l-istess trattament bhal dak li kien jaf jghum u dan ukoll gie ordnat biex jipprocedi bl-ezercizzju li kien ippjanat. Apparti minn dan kollu din id-domanda ma kellhiex issir qabel l-ezercizzju izda qabel l-ingaggament tal-membri f'din l-iskwadra li tirrikjedi li l-membri taghha jkunu jafu jghumu. Min ma jafx jghum kellu jinghata hwejjeg protettiv (life jackets jew apparat protettiv iehor);*

*22. Illi Psaila ma nizilx fl-ilma biex jaghmel dan l-ezercizzju fil u taht dawk il-kondizzjonijiet imsemmija ghax ried hu izda ghax obda dak li gie ordnat lilu mill-awtoritajiet militari li l-ewwel u qabel kollox kellhom obbligu li jassiguraw il-health and safety parameters tas-suldati li kienu taht il-kmand taghhom;*

*23. Illi l-esponent bhala tabib forensiku mhux se jidhol fil-kwistjonijiet tal-operat tal-militar. Dan ghandu jithalla fl-idejn kompetenti u kapaci tal-esperti l-ohra f'dan il-qasam u mahtura minn din il-Qorti izda certament li bhala tabib bil-qawwa kollha, ghandu jindika lil din l-Onorabbli Qorti illi persuni ordnati li jkunu esposti f'termperatura baxxa t'ilma bhal dik li kienet f'dik il-gurnata minghajr ilbies protettiv jikkostitwixxi theddida serja ghas-sahha tal-bniedem;*

*24. Illi in vista ta' dan kollu huwa car illi dan l-ezercizzju hekk kif ordnat mill-awtoritajiet militari Maltin serva biss biex ipoggi l-hajja tad-29 persuna f'periklu car, liema periklu wassal ghall-mewt tal-imsemmi Matthew Psaila u ghalhekk dan ma kienx kaz ta' mewt naturali, accidentali jew suwicidali izda kaz t'omicidju nvolontarju da parti tal-awtoritajiet militari Maltin".*

Illi mir-rapport tal-espert tekniku John Gera nominat fl-Inkjesta Magisterjali[7] jirrizulta li dakinhar ghall-ezercizzju ttiehed is-segwenti tip ta' safety u military gear:

[7] Rapport inserit a fol 193 sa 205 tal-Process Verbal.

(a) <u>Safety gear:</u>

I. Erba’ (4) Life Rings;
II. Habel u
III. First Aid Kit

Fil-hin tal-incident dawn kienu fl-landrover fuq il-pont.

IV. Gunner Cachia kien repsonsabbli mis-safety gear kif ukoll kien il-life guard tal-grupp.

(b) <u>Military Gear:</u>

I. helmet;
II. battle dress uniform (BDU);
III. rifle; li jizen 4.73 kilos;
IV. back-pack li tizen madwar 8-10 kilo.

Mill-istess relazzjoni u mix-xhieda ta’ Gunner Johann Cachia li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta’ Gunju 2009 irrizulta li huwa kwalifikat bhala life guard u li huwa dakinhar tal-ezercizzju ma kienx liebes ilbies specjali izda kien liebes bhas-suldati l-ohra. L-espert tekniku John Gera ghamel is-segwenti osservazzjonijiet fir-rapport tieghu:

*1. Fuq aspett individwali, jidher car li l-Group Leader f’dan l-ezercizzju ma kienx jaf, jew ossija ma kellux informazzjoni dwar il-kapacitajiet o meno tas-suldati taht il-kontroll tieghu tant huwa hekk li hass il-htiega li kellu jistaqsi jekk kienx hemm min ma jafx jghum. L-istess Group Leader wera nuqqas ta’ safety concern meta minkejja li kien jaf li kellu suldat li ma kienx jaf jghum xorta wahda nizzlu fl-ilma minghajr ma pprovdielu life jacket.*

*2. Fuq aspett militari kollettiv, hu evidenti li lanqas l-Armata, tramite l-fizzjali taghha, ma hadet hsieb li tara li waqt ezercizzju ta’ dan it-tip tkun imharsa s-sigurta’ tal-membri taghha. Dan jirrizulta mill-fatt li l-grupp kellu erba’ life rings u habel gewwa vettura fuq il-pont barra mill-vista ta’ fejn kienu s-suldati.*

*3. Il-life guard/safety officer, ma kienx liebes hwejjeg addattati ghal xi sejha ta' salvatagg.*

*Dan li gej huma xi mistoqsijiet li gew innutati fil-fehma tieghi setghu jigu mharsa:*

- *Min kien inkarigat minn dan it-tahrig kellu jkun jaf x'kwalitajiet kellhom is-suldati jigifieri jekk kienux kapaci jinzlu gol-ilma fejn ma kienx jilhqilhom.*
- *Kif is-suldati kienu ser jirrejagixxu ghal temperatura tal-ilma.*
- *Il-Buoyancy Aid kellhom ikunu ppreparati vicin l-ilma.*
- *Illi l-persuna li kien qed jassumi r-responsabbilita' ta' safety jew ta' life guard kellu jkun gewwa l-ilma liebes hwejjeg li jilbsu l-ghaddasa (scuba divers) sabiex ikun jista' jirrezisti temperaturi keshin tal-ilma kif ukoll biex jassisti lill-persuna jew persuni li jsibu ruhhom f'diffikulta, daqs tant iehor it-team leader kellu ukoll ikun liebes hwejjeg protettivi/jew xi tip ta' life jacket.*
- *Il-habel kellu wkoll ikun ippreparat f'idejn il-grupp leader jew il-life guard fl-ilma.*
- *Dawk il-persuni li ma kienux jafu jghumu kellhom jigu provduti life jackets jew xi tip iehor ta' floating aid.*
- *Il-log tal-injam li s-suldati kienu qeghdin juzaw ma setghax jigi meqjus bhala buoyancy aid peress li dan mhuwiex rikonoxxut bhala safety equipment.*
- *Il-fatt lis-suldati f'dan l-ezercizzju kienu qeghdin fl-ilma helu u libsin hwejjeg militari (BDU's) u high ankle boots seta' johloq diffikulta habba toqol gol-ilma, kif irrizulta mill-investigazzjonijiet li izjed minn persuna wahda sabet ruhha f'diffikulta anke sahansitra dawk li kienu jafu jghumu.*
- *Juri bic-car li team leader wiehed ma' ghaxar min-nies li ghamlu dan it-tahrig ghall-ewwel darba ma kienx ratio addattat (1 is to 10).*

*Ghalkemm nifhem li tahrig ta' dan it-tip ghandu jkun parti mill-istandard li ghandu jikseb kull suldat pero' b'differenza, li kwalunkwe tahrig li ghandu element ta' xi periklu zghir jew kbir ghandu l-ewwel jigi mfassal u pruvat*

*go control environment (sandy beaches) biex jithares is-sahha u s-sigurta’ tas-suldat.*

Illi l-Brigadier Maurice Calleja fir-rapport tieghu inserit a fol. 341 sa 354 tal-Process Verbal ghamel is-segwenti konkluzjonijiet:-

*“L-espert sottoskritt huwa konxju tal-fatt li s-servizz militari jirrikjedi certu addestrament li kull tant huwa iebes u difficli. Kultant ukoll certu addestrament jista’ jkun ta’ natura perikoluza u xorta wahda dan l-addestrament irid isir sabiex jekk tinqala l-bzonn reali, il-membri tal-Forzi Armati ta’ Malta, jew ghall-inqas dawk maghzula ghal dan it-tip ta’ xoghol (Special Forces) dawn ikunu ppreparati biex iwettqu dak li jkun hemm bzonn isir u dak li jkunu ppreparaw ghalih. Izda l-espert izid jghid, li sabiex jitnaqqsu l-perikli, ikun hemm bzonn li jittiehdu l-mizuri kollha mehtiega ta’ sigurta’ kemm qabel l-addestrament, waqt l-addestrament kif ukoll waqt il-bzonnijiet reali.*

*Qabel l-addestrament jibda ghandhom isiru l-preparazzjonijiet kollha minn dawk li huma responsabbli ghat-tmexxija tieghu.*

*Biex naghti ezempju l-addestrament ghandu jsir gradwalment sa kemm is-suldat ikun lehaq il-livell mehtieg. Ghandu jkun hemm ordnijiet bil-miktub cari li jispjegaw dak kollu li ser isir. Ghandu jkun hemm briefing car u dettaljat ghal dawk kollha nvoluti fl-ezercizzju jekk hemm bzonn granet qabel u jekk hemm bzonn anke go Lecture Room. Irid ikun hemm bizzjjed nies kwalifikati fuq il-post fejn ghandu jsir l-ezercizzju sabiex jassistu u jissorveljaw. Irid ikun hemm ordnijiet cari li jirrigwardaw il-mizuri li ghandhom jittiehdu f’kaz ta’ emergenza u li dawn il-proceduri jkunu maghrufa minn kull partecipant. L-aktar mizura importanti hija li qabel ma jsir l-ezercizzju ghandu jsir reconnaissance serju tal-post fejn ser isir sabiex min ikun ser imexxi dan l-ezercizzju ikun jaf ezattament dwar dak kollu li jista’ jinqala, fejn u meta u li dan jghaddi din l-informazzjoni lil min ikun involut, partikolarment lil dawk responsabbli ghas-sigurta’ ta’ dawk ta’ tahthom.*

*F'dan il-kaz fejn Gnr Matthew Psaila tilef hajtu kien hemm nuqqasijiet li setghu gew evitati. Fl-opinjoni tal-espert sottoskritt dawn kienu:-*

*a. Reconnaissance tajjeb (l-aktar haga mportanti) ma sarx u l-ebda instructor u lanqas Lieut Chris Vella ma kejjel il-fond tal-ilma qabel ma beda l-ezercizzju. Hadd ma mexa taht it-tunnel bl-equipment jew minghajru sabiex jistabilixxi l-kondizzjonijiet u d-diffikultajiet.*

*b. Nies kwalifikati biex jassistu seta' kien hemm aktar. Per ezempju ma' kull section seta' kien hemm instructor quddiem u iehor wara.*

*c. Il-mizuri ta' sigurta ma kienux adekwati fis-sens li mezzi ta' salvatagg tajbin u moderni ma kienx hemm u l-ftit li kien hemm ma kienux taht is-sorveljanza tal-instructor. Fil-fatt fl-ebda mument ta' bzonn ma kienu wzati.*

*d. Il-mezzi ta' salvatagg kienu biss hames life rings u habel li kienu go vettura fit-triq fuq il-pont. Minn din il-posizzjoni Gnr John Cachia li kien responsabbli biex jutilizza dawn il-mezzi ta' sigurta' ma setghax jara x'kien qed isir got-tunnel u ghal daqstant ma ha l-ebda passi immedjati ta' salvatagg meta inqala' l-paniku. Skont ix-xhieda, Life Jackets ma hemmx fis-C Company.*

*e. Barra li lill-partecipanti kienu qalulhom li kellhom izommu mal-LOG fl-ilma, ma kien hemm l-ebda ordni sabiex tinzamm sorveljanza bejn dawk tal-kors li kienu qed jippartecipaw u dan ikkonfermat mill-fatt li hadd ma ta' kaz ta' Gunner Matthew Psaila u meta gie nnotat li dan kien nieqes kien tard wisq ghaliex kien ghadda zmien twil. Gnr Wayne Bonello kien innota li Gunner Matthew Psaila ma kienx deher aktar imma haseb li forsi seta' kien tela' fuq l-art u ma avza l-hadd. Il-kondizzjonijiet kienu harxa hafna fis-sens li t-temperatura kienet baxxa hafna, l-ilma kien kiesah u mahmug, is-suldati kellhom toqol ta' equipment u forsi dan ma kienx mehud in konsiderazzjoni. Punt iehor li jrid jaghmel l-espert huwa li minghajr ma wiehed jimxi huwa stess minn taht it-tunnel u jghum, l-apparenza tal-ilma tista' tingannak ghax ma tidhirx daqshekk perikoluza.*

*Mix-xhieda pprezentata jidher car li Gunner Matthew Psaila, meta gie mistoqsi, ma qal lil hadd li ma kienx jaf*

*jghum jekk dan fil-fatt veru ma kienx jaf. Kieku avza lis-Section Commander tieghu forsi l-incident seta' kien gie evitat. Finalment l-espert sottoskritt nnota li l-azzjoni li ttiehdet kemm meta kien hemm bzonn ta' treatment ghas-sintomi ta' hypothermia kif ukoll meta kien hemm bzonn ta' ambulanza, kienet wahda immedjata, efficjenti u professjonali".*

Mill-provi rrizulta li l-ezercizzju li kien qed isir dakinhar li sehh l-incident li wassal ghall-mewt tragika ta' Gunner Matthew Psaila kien B3 Infantry Military Training Course. Dan l-ezercizzju kien ilu jsir ghal diversi snin, madwar hmistax-il sena jew aktar, bl-istess mod u fl-istess zona, jew rotta, u cioe' Chadwick Lakes u kien jifforma parti mis-syllabus ta' training ta' rekluti godda fl-Armata li jaghzlu minn jeddhom sabiex jiffurmaw parti mic-C Company tal-istess Armata. Mill-provi rrizulta wkoll li dan l-ezercizzju kien dejjem isir fix-xhur ta' Jannar u Frar proprju minhabba l-kundizzjonijiet avversi tat-temp, u cioe' l-kesha u l-ilma li jkun hemm f'Chadwick Lakes f'dak iz-zmien tas-sena. L-ezercizzju li huwa parti mit-tahrig ghall-kumbattiment huwa ntiz sabiex is-suldati fic-C Company jigu mharrga jagixxu f'kundizzjonijiet avversi li jkollhom bzonn jintervjenu fihom. Il-Lt. Colnel Ian Ruggier meta xehed f'dawn il-proceduri in ezami waqt l-udjenza tal-27 ta' Mejju 2011 u in kontro-ezami waqt l-udjenza tal-14 ta' Gunju 2012 spjega fid-dettall x'inhu l-iskop ta' dan l-ezercizzju u ezercizzji ohra ta' dan it-tip u qal li dawn huma ntizi u necessarji sabiex tinbena "stamina, endurance, determination, team work, leadership u team dynamics". Ruggier spjega li dan it-tip ta' training s-suldati isibuh utli mhux biss ghall-kumbattiment izda anki f'sitwazzjonijiet ohra fejn l-Armata tigi mitluba tassisti l-Protezzjoni Civili meta jsehhu disgrazzji jew gharar u jaghti bhala ezempji sitwazzjonijiet ta' maltemp fejn jigu mghajta jassistu n-nies fil-Wied ta' B'Kara u l-Imsida fejn apparti hafna ilma jkun hemm ukoll debris ghaddej fl-ilma u fejn l-ilma jkun niezel b'certu sahha u wiehed irid jghaddi minnu sabiex johrog xi persuna li tkun inqabdet f'vettura. Dan ix-xhud ikkonferma li l-ezercizzju in dizamina kien ilu jsir ghal diversi snin bl-istess mod u li huwa kien ippartecipa fih diversi drabi. Huwa qal ukoll li kien gie

nfurmat minn Lt. Christian Vella li l-ezercizzju kien ser isir dakinhar u spjega ulterjorment li d-decizjoni sabiex l-ezercizzju ma jsirx ma kinitx tispetta lil Lt. Christian Vella izda lis-superjuri tieghu li kienu debitament infurmati li kien ser isir l-ezercizzju.

Il-Maggur Nicholas Cassar li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-14 ta' Jannar 2011 qal l-istess haga dwar l-utilita' u l-bzonn tal-ezercizzju in dizamina. Dan ix-xhud spjega li l-ezercizzju jsir permezz ta' webbing, helmet u rifles minhabba li huwa training ghall-kumbattiment stante li s-suldati fic-C Company jippartecipaw f'operazzjonijiet militari barra minn Malta. Dan ix-xhud jghid ukoll li Lt. Christian Vella u Lance Bumbardier Marvic Peregin ghamlu l-ezercizzju bil-mod li gew trenjati u mghallma huma stess li jaghmluh u b'dak li gie provdut lilhom mill-Armata. Il-Maggur Nicholas Cassar ikkonferma wkoll li ma kienux jezistu guidelines jew proceduri bil-miktub dwar il-mod li fih kellu jsir dan it-tip ta' training exercise jew kwalunkwe training iehor. Mix-xhieda tal-Kurunell Martin Bondin li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-14 ta' April 2011 tirrizulta d-differenza bejn l-ezercizzju ta' B3 u l-ezercizzju ta' PT. Filwaqt li dan tal-ahhar huwa ezercizzju li jsir sabiex tizdied l-istamina, d-determinazzjoni eccetera il-B3 Infantry Exercise, u cioe' l-ezercizzju li kien qed isir dakinhar tal-incident li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna, ghandu bhala skop dawn l-istess affarijiet izda huwa wkoll intiz bhala training ghall-kunbattiment ghas-suldati li jiffurmaw parti mill-infantry tac-C Company u huwa ghal din ir-raguni li B3 Infantry exercise isir bil-helmet, rifle u webbing. Il-Kurunell Martin Bondin spjega wkoll b'mod car id-distinzjoni bejn l-A Company, l-B Company u c- C Company fl-Armata fejn is-suldati fl-A Company jinghataw xoghol ta' sigurta' gewwa l-ajruporti is-suldtati tal-B Company jaghmlu xoghol ta' fixed points filwaqt li s-suldati fic-C Company jaghmlu xoghol ta' infanterija u kumbattiment u iservu fi humanitarian assistance operations u anti-piracy operations tal-United Nations barra minn Malta. Kull min jaghmel parti mic-C Company huwa volontier u cioe' jaghzel hu li jifforma parti minnha u mhux jigi maghzul. Gunner Matthew Psaila meta dahal fl-Armata ghalhekk

ghazel hu li jifforma parti mic-C Company. Il-membri tac-C Company jintbaghtu jaghmlu xoghol ta’ evakwazzjoni f’zoni ta’ Gwerra bhala ma sar per ezempju fil-Georgia u l-Kosovo u ghalhekk l-addestrament li jinghataw huwa specjali u jhejjihom ghall-kumbattiment.

Ikkunsidrat:

Illi fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tas-27 ta’ Ottubru 2010 l-Avukat Generali ndika li tista’ tinstab htija fl-konfronti tal-imputat taht l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali liema Artikolu jitratta dwar ir-reat ta’ omicidju nvolontarju. Il-Qorti sejra ghalhekk tezamina bir-reqqa x’inhuma l-ingredjenti tar-reat ta’ omicidju involontarju. L-A*rtikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddisponi s-segwenti:*

*“Kull min b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd …”*

L-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, huma bazikament tlieta u cioe:-

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti;
2. kkaguna l-mewt;
3. fuq persuna.”

Fis-sentenza tal-4 ta’ Frar 1961 fil-kawza fl-ismijiet **‘Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli’, il-Qorti tal-Appell Kriminali** qalet is-segwenti dwar ir-reat kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali (dak iz-zmien Artikolu 239 tal-Edizzjoni tal-1942 tal-Kodici Kriminali).

*“ Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-Art. 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f’nuqqas ta’ hsieb (“imprudenza”), traskuragni (“negligenza”), jew ta’ hila (“imperizia”) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikament f’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti – li tkun*

*segwita, b'ness ta' kawzalita', minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi permess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effetivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza , diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret" (Kollez. Deciz. Vol. XLV. iv. 870, 903, emfasi ta' din il-Qorti).*

Issir ukoll referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **'Pulizija vs Richard Grech** deciza fil-21 ta' Marzu 1996 u cioe':-

*"Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika – cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari –tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal-mod," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissure queste regole, disciplinano determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possible, conseguenze nocive per i terzi….Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall' inosservanza di talune delle norme indicate. L' infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il*

*giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l' essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norma sancite daghli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322-323)."*

Issir ukoll referenza ghal dak li qalet il-**Qorti tal-Appell Kriminali** f'sentenza tal-**31 ta' Lulju 1998** fil-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Saverina sive Rina Borg et'** fejn saret is-segwenti esposizzjoni legali dwar ir-reat ta' omicidju kolpuz.

*"L-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali jitratta effettivament l-omicidju kolpuz. Skond dan l-artikolu, sabiex jirrizulta dan id-delitt, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita', minn akkadut dannuz involontarju;*

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz, hemm necessarjament l-element ta' attivita' diretta ghal xi fini partikolari li minhabba nuqqas ta' certa prekawzjonijiet jistghu jigu lezi jew danneggjati jew ippregudikati l-interessi ta' terzi."*

Fl-istess sentenza jinghad ukoll is-segwenti dwar il-culpa.

*"It-teorija klassika u tradizzjonali, dik msejha tal-Carrara, li ripetutament giet accettata u pprattikata mill-Qrati taghna, u li in linea tad-definizzjoni fuq moghtija, hi wahda soggettiva, li titlob bhala element essenzjali fid-delitt kolpuz dak tal-prevedibbilita' ta' l-event mhux volut;*

*Kuntrarjament ghal din it-teorija soggettiva tradizzjonali, hemm it-teorija l-ohra dik oggettiva dik tal-kawzalita' materjali", jew tal-"kawzalita' volontarja efficjenti", Din it-teorija teskludi kompletament l-element tal-prevedibbilita'*

*u tippunixxi l-event bhala konsegwenza ta' kondotta ta' xi hadd li ma jkunx konfromi ma' l-esigenzi tad-dritt u tal-ligi. Skond din it-teorija, "l'evento dannoso e contrario al diritto e' punibile quando esso sia il-prodotto immediate o mediato di un atto volontario di un uomo, il quale atto, sebbene non rivolto a un fine antigiuridico, si e' esplicato con mezzi rivelatisi non normali all' idea del diritto";*

*Ghalhekk, skond it-teorija oggettiva, abraccjata mill-Antolisei, u anke riprodotta in parte sa certu punt f'sentenza moghtija minn din l-istess Qorti diversament ippresjeduta, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Richard Grech deciza fil-21 ta' Marzu, 1996 sabiex treggi l-kulpa, hemm bzonn biss is-segwenti zewg konsiderazzjonijiet: (a) li l-agent hu l-kawza efficjenti jew effettiva ta' l-event; u (b) li l-kondotta tieghu jew mezz minnu adoperat hu kontra l-ligi.*

*In konkluzjoni, il-kuncett tal-kulpa jista' jigi definit hekk:*

*"Kondotta volontarja (azzjoni jew ommissjoni) li tikkaguna event antiguridiku, mhux volut, izda prevedibbli, b'mod li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad normali";*

*Ghalhekk, skond din il-Qorti, l-elementi essenzjali li jikkomponu dan il-kuncett tal-kolpuz jistghu jigu hekk stabbiliti:*

*Azzjoni jew ommissjoni volontarja;*

*Event jew akkadut dannuz;*

*Ness ta' kawzalita' bejn l-azzjoni (jew ommissjoni) u l-event jew akkadut dannuz;*

*Il-prevedibbilita' u eccezzjonalment il-prevenzjoni ta' dan l-event jew akkadut dannuz;*

*Il-konnotat karatteristiku tal-kulpa hu ghalhekk il-prevedibbilita' ta' l-event dannuz li kondotta illegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha la colpa inconsciente a differenza minn dik*

*imsejha la colpa cosciente li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst ta' l-akkadut;*

*Il-kulpa normali (incosciente) dik tal-prevedibbli, temergi meta fil-kondotta ta' l-agent hemm l-element tan-negligenza, imprudenza, imperizja jew nuqqas ta' tharis ta' dritt. Il-kulpa l-ohra (cosciente) tirrizulta meta quddiem il-kondotta ta' l-agent, l-akkadut dannuz, bhala konsegwenza ghal dik il-kondotta, jidher possibli, u, b'danakollu, hu xorta jwettaq dak l-agir tieghu bl-isperanza li dak li possibbli li jigri fil-fatt ma jigrix. Din it-tip ta' kulpa (cosciente) ghalhekk hi forma ta' kulpa iktar gravi mill-kulpa normali (incosciente), cjoe' dik tal-prevedibbli imma mhux previst, u dan ghaliex fil-kaz tal-colpa cosciente, dik tal-previst hija vicin hafna ta' , u tikkonfina mad-doluz, il-volut;*

*Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza, derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' ligijiet, regolament, ordnijiet u simili;*

*L-<u>imprudenza</u> tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportun kawtieli;*

*In-<u>negligenza</u> tigi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-agent fil-kondotta tieghu;*

*L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali, cjoe' kif jghid il-Manzini "inettutidine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto";*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll ghal non-osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinate u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita' ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe' dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni……*

*Taht dawn il-form ta' kondotta kolpuza sia minhabba imprudenza negligenza u imperizja, sia minhabba nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili,*

*hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibbilita'. Il-prevedibbilita' tibqa' essenzjali that kull forma ta' kulpa, izda fi gradi differenti. Hi tibqa' dejjem in-nota saljenti f'kull forma ta' kondotta kolpuza, izda ghandha gradi differenti f'kull kaz ta' imprudenza, negligenza u imperizja, metri hija prezunta fil-forma l-ohra fejn si tratta ta' reati minhabba non-osservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-kazijiet mhux possibbli jew ammess lill-agent li jressaq prova ghall-kuntrarju. Hija hawnhekk prezunzjoni assoluta. Ma jistax l-agent jghid li dak l-event dannuz li gara minhabba n-nuqqas ta' osservkanza da parti tieghu ta' xi regolament ma kienx wiehed prevedibbli ghalih. Kif jghidu diversi awturi, dan hu kaz fejn dan l-element tal-prevedibilita' tal-legislatur qed jissostitwixxi dik ta' l-agent. Hu precizament ghalhekk li kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".*

Fis-sentenza 'Pulizija vs Perit Louis Portelli' li saret referenza ghaliha aktar 'il fuq intqal ukoll is-segwenti:-

*"Huwa obligu specifiku ta' kulhadd illi juza fl-agir tieghu dik id-diligenza li s-sitwazzjoni tissuggerixxi ghall-prevenzjoni ta' pregudizzju lit-terzi. Hija kultant il-ligi stess li permezz ta' preskrizzjonijiet u divjeti tiddixxiplina l-attivitajiet individwali f'kamp determinat; u f'dal kaz ikun negligenza, bhala element tal-kolpa, in-nuqqas ta' tharis tal-precett tal-ligi. Fejn dan il-ligi ma taghmlux, tkun tikkostitwixxi negligenza dik il-kondotta li l-generalita' tal-ohrajn tajba tal-istess katergorija ma kienetx tadopera fl-istess cirkustanzi. Dan il-kriterju jindika l-limiti tar-responsabbilita' kolpuza, u fl-istess hin jiddetermina d-diligenza indespensabbli biex jigu evitati s-sanzjonijiet legali; u waqt li jiddixxiplina l-kondotta ndividwali ihalli lok ghall-apprezzament tad-diffikultajiet u probabilitajiet tas-sitwazzjoni konkreta. Meta wiehed, quddiem kaz prattiku, iqies ic-cirkustanzi jadopera ruhu kif generalment kien jaghmel "vir bonus" tal-istess kategorija, u jifforma konvinciment; jekk mbaghad jirrizulta li l-kondotta tieghu ma kienetx obbjettivament adatta ghall-kaz konkret huwa ma jirrispondix ghar-rizultat. F'dan il-kaz il-konvinzjoni*

*ragunata, jew dik li komunement tissejjah ic-"certezza morsli",kif distinta mic-crrtezza obiettiva tkun sufficjenti biex teskludi l-imputabbilita'. Din il-konvinzjoni trid tkun bazata mhux fuq in-nuqqas ta' impenji ghall-iskoperta tar-realta', imma fuq il-verosimiljanza soda li a bazi ta' elementi esterni, is-sitwazzjoni tkun tipprezenta;*

*Dan l-istess koncett iservi mbaghad ta' gwida biex jigi stabbilit fil-kaz partikulari n-ness ta' kawzalita' bejn ir-rizultat u l-kondotta tal-agent. Presuppost ta' dan in-ness kawzali huwa komportament guridikament negligenti; fejn dan ma jezistix ma jkunx hemm quddiem il-ligi dak in-ness u allura l-event dannus johrog mill-limiti tal-imputabbilita' u jkun jirraprezenta l-fortuwitu;*

*L-element fortuwitu spiss jiddetermina sitwazzjoni. Dan partikularment jissucciedi fl-ezercizzju ta' attivitajiet professjonali, fejn f'ram aktar minn iehor, il-professjonista huwa kontinwament konfrontat minn ezigenzi, diffikultajiet u relattivitajiet ta' metodi, u espost ghall-azzjoni ta' elementi injoti."*

Ikkunsidrat:

Illi wara li saret din l-esposizzjoni legali dwar il-culpa din il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex tapplika dawn il-principji u nsenjamenti ghall-fatti li jirrizultaw fil-kaz odjern kif esposti aktar 'il fuq fil-korp ta' din is-sentenza.

Illi f'dan il-kaz sabiex tinstab htija fil-konfronti tal-imputat ghall-imputazzjoni ta' omicidju kolpuz din il-Qorti jrid ikollha l-konvinciment morali illi l-mewt ta' Matthew Psaila saret b'konsegwenza ta' negligenza, mperizja, traskuragni jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti jew nuqqas ta' hila da parti tal-imputat u li hemm ness dirett bejn il-mewt u l-allegata negligenza, mperizja eccetera.

Illi f'dan il-kaz in-negligenza fil-forma specifika ta' nuqqas ta' tharis fir-regolamenti ma tirrikorrix billi ma rrizultax li kien hemm preskrizzjonijiet specifici legislattivi jew regolamenti ohra bil-miktub tal-Forzi Armati li l-imputat naqas milli josserva. Mill-provi fil-fatt irrizulta minghajr

ombra ta' dubju li fiz-zmien tal-incident l-Armata ma kellhiex fis-sehh Standard Operation Procedures (SOP's) u cioe' ma kien hemm ebda regolamentazzjonijiet jew guidelines dwar kif ghandhom isiru l-ezercizzji ta' training militari. Jekk wiehed jara r-rapport tal-Bord mahtur sabiex jaghmel Inkjesta dwar l-akkadut mill-Prim Ministru (nserit a fol. 563 et sequitur tal-atti processwali) wiehed jara li din kienet wahda mill-kritiki principali tal-Bord inkarigat mill-Inkjesta lejn il-Forzi Armati kif ukoll wahda mir-rakkomandazzjonijiet tal-istess Kummissjoni lill-Forzi Armati.

Illi in kwantu jirrigwarda n-negligenza fil-forma ta' nuqqas ta' hsieb kif spjegata fis-sentenzi 'Pulizija vs Richard Grech' u 'Pulizija vs Saverina Borg et' u cioe' dik il-prudenza li persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' eghmilha fejn allura l-imprudenza tikkonsisti propju fin-negazzjoni ta' din il-virtu, din il-Qorti l-anqas ma jidrilha li tikkonkorri din il-forma ta' culpa. Illi din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta il-mod kif l-imputat u Lt. Christian Vella agixxew, il-mod kif huma wettqu xogholhom skond kif gew mitluba u mghallma jaghmlu mis-superjuri taghhom, skond kif dejjem sar l-ezercizzju tul is-snin mill-Forzi Armati u bir-rizorsi li tpoggew ghad-disposizzjoni taghhom mill-Armata, ma jidrilhiex li jista' jitqies li kien hemm in-negazzjoni tal-imsemmija virtu' fl-azzjonijiet taghhom. Meta wiehed jara u jezamina l-isfond li fih sar l-ezercizzju ta' training (B3 Infantry Exercise) u cioe' l-iskop ta' tali training u meta wiehed jikkunsidra li l-imputat u Lt. Vella ghamlu dak li gew mitluba jaghmlu mis-superjuri taghhom u bil-moghod li gew mghallma u mharrga huma li jaghmluh tul is-snin wiehed ma jistghax ikollu l-konvinciment morali li kien hemm l-imprudenza jew in-nuqqas ta' hsieb da parti taghhom. Meta wiehed imbaghad jara l-moghod immedjat u pront li bih intervjenew kemm l-imputat kif ukoll Lt. Vella meta rriskontraw diffikolta' Gunner Galea u Gunner Lindsay Borg Magro kif ukoll l-intervent taghhom meta gie nnutat li Gunner Psaila kien nieqes u dak li ghamlu meta huwa nstab u ttella' mill-ilma u nghata r-rianimazzjoni permezz tas-CPR u mbaghad ittiehed l-Isptar bil-Landrover ghaliex

l-ambulanza damet ma giet, wiehed ma jistghax ikollu l-konvinciment morali li l-imputat u Lt. Vella avventatament ghamlu dawk l-affarijiet li messhom prevedew li setghu jaghmlu hsara.

Il-Qorti sejra issa tifli f'aktar dettall u b'mod holistiku l-agir tal-imputat u ta' Lt. Christian Vella sabiex jigi stabbilit li effettivament ma tirrizulta ebda forma ta' culpa da parti taghhom. Jibda sabiex jigi puntwalizzat li hemm qbil li kien hemm il-htiega li dan l-ezercizzju militari li jikkomporta certu perikolu u riskju jsir. Dan jirrizulta kemm mill-konkluzjonijiet tal-Brigadier Maurice Calleja kif ukoll mir-rapport tal-espert tekniku John Gera u mix-xhieda tal-Lt. Col. Ian Ruggier, tal-Maggur Nicholas Cassar u tal-Col. Martin Bondin. Gie stabbilit fil-fatt li l-ezercizzju de quo kien jifforma parti mis-syllabus ta' tahrig tar-rekluti li ghazlu li jiffurmaw parti mic-C. Company, li dan l-ezercizzju kien ilu jsir b'dan il-mod u f'dan il-lok ghal snin twal, li dan l-ezercizzju kien intiz bhala tahrig ghall-kumbattiment u li kien ghalhekk li s-suldati kienu liebsin il-webbing, il-helmet u kienu qed igorru r-rifle. Gie stabbilit ukoll li l-kesha u l-ilma kienu rekwiziti ta' dan l-ezercizzju li dejjem sar fix-xhur ta' Jannar u Frar propju ghal din ir-raguni. Gie stabbilit ukoll li Lt. Christian Vella li kien in charge tal-platoon suldati li kienu qed jaghmlu l-ezercizzju kien informa lis-superjuri tieghu li l-ezercizzju kellu jsir fil-gurnata in dizamina u li huwa ma kellu ebda diskrezzjoni sabiex jiddeciedi jekk l-ezercizzju ghandux isir jew le, cioe' huwa ma kellux id-diskrezzjoni li jhassar l-ezercizzju. Kif diga' inghad aktar 'il fuq gie stabbilit ukoll li gurnata qabel l-incident l-imputat u Lt. Vella ghamlu recce fuq il-post fejn imxew tul il-perkors, kejlu l-fond tal-ilma u vverifikaw mal-Ufficcju Meteorologiku dwar il-kundizzjonijiet tat-temp u t-temperatura tal-bahar. Fil-gurnata tal-incident sar briefing fejn ir-rekluti gew infurmati dwar x'kien ser jikkomporta l-ezercizzju, dwar l-ostakoli li kien hemm fil-perkors, dwar is-safety equipment li kellhom ghad-disposizzjoni taghhom u fejn ir-rekluti gew mistoqsija jekk kienx hemm min minnhom li ma jafx jghum jew li kellu diffikolta' fl-ilma u fejn ghalhekk gie ndikat li f'partijiet mill-perkors l-ilma ma kienx ilahhaq. Irrizulta li kien hemm tlett suldati li ndikaw li seta' jkollhom diffikolta' fl-ilma u li dawn inghataw

struzzjonijiet specifici dwar dak li kellhom jaghmlu. Irrizulta wkoll li Gunner Matthew Psaila ma kienx wiehed minn dawn is-suldati li ndikaw li kellhom dawn id-diffikultajiet jew li ma kienux jafu jghumu. Gie ukoll stabbilit li Lance Bumbardier Peregin ta struzzjonijiet lil Gunner Galea li kien l-uniku membru fl-istakkament tieghu li qal li kellu diffikulta' fl-ilma sabiex dan izomm fuq in-naha ta' wara tal-log sabiex ikun taht ghajnejh u jekk jirriskontra diffikulta huwa jintervjeni mill-ewwel sabiex jghinu, kif fil-fatt gara fejn fil-mument li Gunner Galea rriskontra diffikulta huwa ttella' fuq l-art minn Peregin u nghata il-kura ghall-hypothermia minn Lt Christian Vella. Irrizulta wkoll mill-provi li Lt. Vella u l-instructors in charge minn kull section prevedew li s-suldati setghu isofru mill-hypothermia u li fil-fatt dan gie rilevat waqt il-briefing u li huma hadu l-equipment mehtieg (sleeping bags, kutri eccetera) sabiex tinghata l-kura ghall-hypothermia kif fil-fatt sar. Il-Brigadier Maurice Calleja fil-fatt f'dan ir-rigward rrileva li l-intervent ta' Lt Christian Vella u Lance Bumbardier Marvic Peregin kien wiehed immedjat u idoneju ghall-ahhar.

Minn dan kollu l-Qorti setghat tikkonstata li l-agir tal-imputat u ta' Lt. Christian Vella fl-ezekuzzjoni tal-pjan ta' tahrig stabbilit mill-Armata kien konformi u in linea ma' l-istruzzjonijiet li huma nghataw mis-superjuri taghhom, ma' dak li gew mghallma dwar kif kellu jsir dan it-tahrig u mal-mod kif dejjem sar it-tahrig tul is-snin. Is-safety equipment li huma hadu maghhom kien l-equipment kollu li kellha ghad-disposizzjoni taghha l-Armata. Ma jirrizulta minn imkien mill-provi li kien hemm xi safety equipment iehor li seta' jintuza u li huma ma hadux maghhom. Saret kritika mill-espert tekniku John Gera dwar il-mod kif tkejjel il-fond tal-ilma izda mill-provi ma rrizultax li l-imputat u Lt. Vella kellhom ghad-disposizzjoni taghhom xi apparat specifiku sabiex isir tali kejl u li huma ghazlu li ma juzawhx. Fi kwalunkwe kaz irrizulta mill-provi li huma kienu jafu li kien hemm partijiet fil-perkors fejn l-ilma ma kienx ilahhaq u dan ghaliex huma kienu ghamlu l-perkors f'okkazzjonijiet ohra qabel u fil-briefing huma debitament infurmaw ir-rekluti dwar dan il-fatt u ndagaw jekk kienx hemm min minnhom li ma kienx jaf jghum jew li kellu diffikolta' fl-ilma sabiex jiehdu mizuri ad hoc bhal ma fil-fatt sar ma Gunner

Galea. F’dan ir-rigward il-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza li jekk l-ilma kienx fond 1.90m jew 2.1m jew 2.50m ftit setghat taghmel differenza ghaliex ir-rekluti kienu ben konxji li kien hemm partijiet mil-perkors fejn l-ilma ma kienx ilahhaq u zgur ma jistghax jitqies li kien hemm ness ta’ kawzalita’ bejn dan il-fatt, u cioe bejn il-mod li bih tkejjel il-fond tal-ilma, u l-incident de quo.

L-espert tekniku John Gera ppuntwalizza li kien ikun aktar opportun li kieku sar gradual training tar-rekluti ghal dan l-ezercizzju billi l-ewwel isir tahrig f’postijiet fejn il-kundizzjonijiet ikunu anqas avversi u mbaghad man mano il-livell ta’ diffikolta’ u avversita’ jizdied meta r-rekluti jkunu tharrgu f’kundizzjonijiet anqas avversi. Il-Qorti taqbel pjenament ma’ dan is-suggeriment izda tistaqsi l-imputat u Lt. Vella kellhom id-diskrezzjoni jew ahjar il-poter li jiddeciedu u li jaghmlu dawn it-tibdiliet fit-tahrig? Ir-risposta hija fin-negattiv stante li kif diga’ inghad aktar ‘il fuq huma dejjem agixxew skond l-istruzzjonijiet tas-superjuri taghhom u mxew skond dak li kienu gew mghallma u mharrga huma stess. F’dan ir-rigward issir referenza ghal dak li ntqal fir-rapport tal-Inkjesta maghmula mill-Bord ta’ Inkjesta appuntat mill-Prim Ministru fejn gie puntwalizzat li ghalkemm gew riskontrati nuqqasijiet ta’ mizuri ta’ sigurta’ da parti tal-Forzi Armati ma gewx riskontrati xi nuqqasijiet individwali minn xi membri tal-Armata li kienu responsabbli mill-ezercizzju dakinhar. Il-Qorti tirrileva li fil-proceduri odjerni trid tiddeciedi biss jekk kienx hemm xi forma ta’ culpa da parti tal-imputat u Lt. Vella u m’huwiex il-kompitu taghha li tidhol fil-kwistjoni tan-nuqqasijiet tal-Armata f’dan ir-rgiward. Il-Qorti izda ma tistghax tatribwixxi n-nuqqasijiet tal-Armata liz-zewg imputati li ghandha quddiemha meta ma jirrizultalhiex li kien hemm ebda forma ta’ agir kolpuz da parti taghhom specjalment meta wiehed jikkunsidra b’mod holistiku l-isfond li fih sar dan l-ezercizzju, l-iskop tieghu u l-fatt li dan l-ezercizzju sar mill-imputat u Vella skond struzzjonijiet li nghataw mis-superjuri u bil-mod li bih gew mghallma u mharrga huma tul is-snin. Il-Qorti jidrilha li huma m’ghandhomx u ma jistghux jitqiesu kriminalment responsabbli ghall-omicidju kolpuz minhabba nuqqasijiet tal-Armata li tistabbilixxi Standard

Operation Procedures u guidelines ad hoc dwar il-mod u metodi ta' tahrig jew dwar safety procedures u provision ta' safety equipment fi kwantitajiet akbar u ahjar. Huwa fundamentali li wiehed jifhem li l-imputat u Lt. Vella ma kienux l-exercise planners izda kienu biss il-persuni nkarigati mis-superjuri taghhom li kienu huma li pjanaw l-ezercizzju tul is-snin sabiex jaraw li dan l-ezercizzju militari jigi esegwit bil-mod pjanat. Huma kienu ghalhekk biss is-'supervising directing staff', huma hadu maghhom l-equipment kollu li tpogga ghad-disposizzjoni taghhom mill-Armata u ma kellhom ebda diskrezzjoni jew awtorita' jitolbu equipment iehor u l-anqas ma kellhom ebda diskrezzjoni jew rwol fil-kwalifiki necessarji tal-instructors jew tal-Health and Safety Officers li tpoggew ghad-disposizzjoni taghhom mill-Amata sabiex isir dan l-ezercizzju.

Il-Qorti inoltre hija tal-fehma li fil-kaz odjern l-incident seta' jigi evitat kompletament kieku Gunner Matthew Psaila nforma lis-superjuri tieghu li huwa ma kienx jaf jghum. Il-Qorti inoltre jidrilha li l-Armata kellha l-obbligu tassigura li l-kapacita' tal-ghawm kellha tkun wahda mir-rekwiziti sabiex rekluta jissieheb fic-C Company u din il-Qorti ma tistghax tifhem kif suldati li jintervjenu f'anti-piracy operations barra minn Malta u jintervjenu f'sitwazzjonijiet ta' aghrar fi gzira bhal Malta cirkondata bil-bahar u fejn mill-anqas darba fis-sena jkun hemm maltemp fejn ikun hemm il-htiega li nies jigu salvati mill-ilma fil-widien tal-Msida u B'Kara, jistghu ikunu ma jafux jghumu. Fis-sottomissjonijiet finali l-parti civile ttentaw jghidu li ma rrizulta minn imkien mill-provi li Gunner Matthew Psaila ma kienx jaf jghum. Il-Qorti setghat tikkonstata li din l-asserzjoni m'hijiex korretta u li fil-fatt mix-xhieda ta' Maryanne Psaila, omm Gunner Psaila, quddiem il-Magistrat Inkwirenti[8] kif ukoll mix-xhieda tas-Supretendent Carmelo Bartolo[9] u mir-rapporti tal-esperti Dr. Mario Scerri u l-Brigadier Maurice Calleja rrizulta kjarament, u zgur sal-grad ta' probabilita', li Matthew Psaila ma kienx jaf jghum. Maryanne Psaila fil-fatt qalet hekk *" It-tifel Matthew Psaila*

[8] Xhieda nserita a fol. 67 tal-Process Verbal.
[9] Li xehed waqt l-udjenza tas-26 ta' Frar 2010.

*ilu fl-Armata hdax-il xahar u dan fil-kapacita tieghu ta' Gunner. Naf li bdew jghamlu l-exercises maghruf bhala B3 Infantry mill-ewwel ta' Jannar 2009 li huwa kors ta' tlett xhur. Fis-sajf li ghadda kien mar route march. Telqu mill-barracks Hal Far w imxew sa Delimara. Hemmhekk kellhom exercise biex jaqsmu l-bajja fuq habel. Minn kien il-Kaptan dakinhar ma nafx. Naf li t-tifel dakinhar kien qalli li lil tal-Armata qalilhom li ma jafx jghum. Huma qalulu li jekk jaqa' jkunu hemm mieghu pronti biex jigbruh. Lili ma semmilix x'tip ta' safety precautions hadu. Naf li gie ferhan ghaliex ma waqax*." Il-Qorti ghalhekk taqbel mal-Brigadier Maurice Calleja li li kieku Gunner Psaila gab dan il-fatt a konjizzjoni tal-imputat u ta' Lt. Vella l-incident seta' jigi evitat ghaliex dawn tal-ahhar kienu jkunu f'posizzjoni ahjar li jiehdu l-mizuri necessarji sabiex jigu evitati riskji. Huwa minnu li Gunner Galea xorta wahda ntalab jaghmel l-ezercizzju fl-ilma nonostante li huwa qal li kien jirriskontra diffikulta' fl-ilma izda l-ewwel u qabel kollox jigi rilevat li huwa kien jaf jghum u qal biss li kien jirriskontra diffikultajiet u fit-tieni lok Lance Bumbardier Peregin tah struzzjonijiet specifici sabiex izomm fuq in-naha ta' wara tal-log sabiex izomm ghajnejh fuqu u fil-fatt huwa nduna mill-ewwel li Galea kien qed jirriskontra diffikulta' u kien pront intervjena u tellghu l-art u accerta ruhu li jinghata l-kura immedjata ghall-hypothermia. Il-Qorti jidrilha li la l-imputat u l-anqas Lt. Vella ma setghu jipprevedu li kien ser ikun hemm xi wiehed mir-rekluti li ma kienx ser jindikalhom li ma jafx jghum meta huma ghamlu domanda specifika fir-rigward u li ghalhekk ma jista' qatt jitqies li kien hemm xi ness ta' kawzalita' bejn l-azzjonijiet taghhom u l-mewt tragika ta' Gunner Matthew Psaila. Irid jigi puntwalizzat f'dan ir-rigward li l-imputat u Lt. Vella prevedew li seta' jkun hemm min ikollu hypothermia waqt l-ezercizzju u huma kienu preparati ghal din l-eventwalita' u hadu l-equipment necesarju sabiex jintervjenu u jinghatalu l-kura mehtiega li bhal ma nghad aktar 'il fuq giet definita mill-espert il-Brigadier Maurice Calleja bhala immedjata u professjonali.

Din il-Qorti tifhem u taghder ix-xewqa tal-genituri ta' Matthew Psaila li jifhmu x'seta' wassal ghall-mewt tragika ta' binhom sabiex b'hekk jaslu ghal xi forma ta' 'closure'

izda jidrilha li l-imputat u Lt. Vella ma jistghux isiru l-espjaturi sabiex jigi ottenut dan il-closure ghaliex mill-azzjonijiet taghhom ma tirrizultax ir-reita’ ghall-culpa stante li ma kien hemm ebda ness ta’ kawzalita’ bejn l-azzjonijiet taghhom u l-event dannuz u cioe’ il-mewt ta’ Gunner Psaila. F’dan ir-rigward il-Qorti terga’ taghmel referenza ghar-rapport tal-Bord mahtur mill-Prim Ministru sabiex issir Inkjesta dwar l-incident odjern fejn intqal li *“The Board is of the opinion that no individual can be held to blame for the death of Gunner Matthew Psaila. The cause was misadventure.”* Mir-rizultanti li kellha quddiemha din il-Qorti waslet ghall-istess konkluzjoni. Finalment il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak li qalet il-**Qorti tal-Appell Kriminali** fil-kawza **“Pulizija vs Perit Louis Portelli”,** li saret referenza ghaliha aktar ‘il fuq fil-korp ta’ din is-sentenza u cioe’ :-

***“Ghas-soluzzjoni tal-kwistjoni l-azzjoni tal-appellant trid tigi rikostruwita fil-klima tac-cirkustanzi li kienu jezistu qabel il-fatt, fil-kumpless tal-probabbilitajiet u valur obbjettiv tal-kaz, u minghajr dik l-ossessjoni li dizastru tal-entita’ ta’ dak f’din il-kawza necessarjament jipproduci specjalment fiz-zmien vicin wara li jigri, u li fil-generalita’ tan-nies iqanqal ix-xewqa ta’ espjatur ghal dak li gara.”***

Din il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha li ngabu quddiemha miz-zewg nahat jidrilha li ma jista’ qatt ikollha l-konvinciment morali li l-mewt tragika u sfortunata ta’ Gunner Matthew Psaila kienet konsegwenza ta’ ghemil negligenti, imprudenti jew traskurat tal-imputat u ghalhekk hija tal-fehma li ma tirrizultax ir-reita’ da parti tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------